**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 19 – IT-TNEJN, 3 TA' FRAR 2014 FIL-5.30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier (5.45pm) |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier (5.40pm) |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 18**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 17**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jitħallas il-pagament lis-Sinjura Margaret Fiott li twaqqaf mill-pagamenti preċedenti minħabba li din kienet għamlet ix-xogħol. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 4 favur u 5 astensjoni.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet innutata li għad ma kienx hemm risposta mis-Segretarju Parlamentari Josè Herrera rigward ir-riżultat tal-inkjesta. Ġie deċiż li terġa' tintbagħat reminder oħra.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward id-data tal-laqgħa annwali. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir fis-7 ta' April fis-7.30 ta' filgħaxija.

3.3 Ġie diskuss il-kuntratt propost biex il-ħanut Telecom jieħu ħsieb is-soft area fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq Ewkaliptus. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li dan il-kuntratt jiġi aċċettat. Is Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

3.4 Kien hemm diskussjoni rigward il-bżonn li jinxtraw żewġ PCs għal customer care. Ġie deċiż li tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal dawn.

3.5 Ġiet innutata li ma kienx hemm risposta rigward l-appelli pendenti li hemm mal-kumpanija Twish. Ġie deċiż li tintbagħat reminder oħra.

3.6 Kien hemm diskussjoni rigward l-istima biex jiġi restawrat il-Mural li jinsab fi Triq Bella Vista. L-istima kienet aktar minn 2600 Ewro. Ġie deċiż li ma jsirx dan ix-xogħol minħabba l-ispiża għolja.

3.7 Ġie deċiż li ssir talba biex Triq in-Naxxar u Vjal ir-Riħan tibda titnaddaf mill-Gvern Ċentral minħabba li dawn huma toroq arterjali. Kien hemm qbil fuq din.

## 4 Korrispondenza

4.1 Ġiet innutata Memo 4/2014 rigward għajnuna finanzjara għal xiri ta' kotba għal-libreriji pubbliċi. Ġie deċiż li napplikaw għal 500 Ewro.

4.2 Ġiet innutata talba biex il-President tal-AKL jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill. Ġie deċiż li tiġi suġġerita d-data ta' 3 ta' Marzu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

4.3 Ġiet innutata korrispondenza mill-European Cites Against Drugs. Dawn infurmawna li l-miżata tagħna kienet ridotta għal 200 Ewro għas-sena 2014. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li titħallas din il-membership. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm 5 favur, 2 kontra u 2 astensjoni. Is-Sinjura Marica Bayliss iddikjarat li kienet kontra għax il-Kunsill mhu se jieħu xejn b'din il-membership.

.

## 5. Affarjiet oħra

5.1.1 Is-Sur Neville Mallia nforma lill-Kunsill li kien hemm talba biex issir mera fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq Massabielle. Ġie deċiż li ma ssirx minħabba li Triq in-Naxxar għandha ħafna toroq oħra wkoll bħal din u Triq in-Naxxar hija triq arterjali.

Is-Sur Malcolm Abdilla skuża ruħu mil-laqgha fis-7.00pm.

5.1.2 Is-Sur Neville Mallia ppropona li ssir bollard fi Triq Battaljun minħabba li hemm min qed jipparkja illegali. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 6 favur u 2 kontra.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni li mhemmx spazju biżżejjed biex kaxxi sofor isiru bojod fit-toroq W Savona u J F Marks. Hi nfurmat lill-Kunsill li fi Triq W Savona hemm fejn issir kaxxa bajda oħra kantuniera ma' Triq Massabielle. Hi talbet ukoll biex tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq San Ġużepp u Triq il-Bataljun biex ir-residenti joħorġu r-rubbish fil-ġranet it-tajba u jħalluhom wara l-bieb tagħhom.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li kella laqgħa mal-Perit Cachia mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Hi rat il-pjanti proposti u innutat li kien hemm 8 kmamar għall-Kunsill u mhux 4 kif qal is-Sindku. Is-Sindku irrisponda li fil-pjanti ma kienx hemm boardroom ippjanata. Hi qalet ukoll li giet infurmata li ghalkemm ma kienetx pjanata, tista tiddahhal sala ghal komunita. Hi pproponiet lil-perit Cachia li l-ministeru jibaghtilna data biex delegazzjoni mill-Kunsill tiltaqa' mal-Ministeru fuq din. Hi talbet ukoll biex isir komunikazzjoni mal-iskejjel rigward it-tindif tal-librerija. Hi talbet ukoll biex issir patching fi Triq il-Pellikan. Rigward l-ittra legali li ntbagħtet lil GreenPak, is-Sindku kkonferma li għandu laqgħa ma' Dr Schembri.

Is-Sur Malcolm Abdilla reġa' daħal għal-laqgħa fis-7.20pm.

5.4 Is-Sur Malcolm Abdilla rrimarka li hemm bżonn li jsir xi xogħol ta' patching.

5.5 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex isir patching fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Tomna, kif ukoll hemm bżonn li ssir Stop sign ukoll. Hi nfurmat lill-Kunsill li hemm tabella tat-timed parking nieqsa fi Triq in-Naxxar.

5.6 Is-Sur Miguel Galea Sillato irrimarka li kien hemm xi pjanti għolja fir-roundabout ta' Triq Bella Vista li qed ikunu ta' ostruzzjoni għal min ħiereġ fuq din it-triq meta jkun ġej mit-triq tal-isptar.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.30pm.

5.7 Is-Sur Dominic Cassar ippreżenta lista ta' bankini biex isiru, għandu jiġi mitlub stima tagħhom. Hu nforma lill-Kunsill li l-ħajt fi Triq it-Tellerit ittella', hemm bżonn li tintbagħat reminder lill-MEPA minħabba li għad hemm żvilupp illegali minkejja s-stop notice, ir-Reġjun għandu Inġineer għad-diżpozizzjoni tal-Kunsilli membri, u li għandha tintbagħat ittra ta' kondoljanzi lill-Ex sindku, is-Sur Renè Savona Ventura għall-mewt ta' missieru. Hu nforma lill-Kunsill li ser ikun hemm bżonn jitneħħew jew jiċċaqalqu żewġ bozoz fi Triq Ta' Ċieda u Triq Bella Vista minħabba żvilupp. Dawn jistgħu jsiru fuq arblu jekk l-Enemalta tagħmel wieħed għal wires. Hu talab biex isir bexx fil-cart ruts minħabba ħaxix ħażin. Ġie deċiż li tintalab direzzjoni fuq din mingħand is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

**6. Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |